MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 1145/1993/1

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` J. Cachia Caruana Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

B'citazzjoni ta' l-1 ta' Ottubru, 1993 wara li l-attur nomine ippremetta li fit-2 ta' Settembru, 1991 s-socjeta` attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' elfejn, tlett mija u sitta u sebghin lira maltin (LM2,376.00) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allegatament dovut fuq l-importazzjoni ta' crackers tal-marka CRICH meta l-istess ma kienux dovuti u dana kif jidher mir-ricevuta numru J 595895 rilaxxata fit-2 ta' Settembru, 1991 liema ricevuta hija annessa u markata Dokument “A” u kif jirrizulta mid-dokumenti annessi Dok “B”, “C” u “D”; illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala imposta skond l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XXXI tan-1989); illi l-konvenut gie inutilment interpellat biex ihallas tali ammont u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 1992, liema ittra swiet bhala avviz a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kodici tal-Procedura Civili; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u sitta u sebghin lira maltin (LM2,376.00) liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut ghall-levy allegatament dovuta fuq importazzjoni u thallsu indebitament mis-socjeta` attrici lill-konvenut;

Bl-imghax mill-2 ta' Settembru, 1991 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B'nota tad-19 ta' Ottubru, 1993 l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi waqt li qed jigi ammess li l-ammont ta' LM2,376 kien gie mhallas in eccess mill-istess atturi, fil-fatt ittiehdu l-proceduri kollha biex l-ammont jigi rifuz.
2. Illi waqt li gie infurmat l-Accountant General li hu inkarigat jaghmel dan il-pagament, irrizulta li kien hemm mandati ta' sekwestru kontra l-istess Accountant General u l-istess atturi bhala s-sekwestrati u din il-kawza saret intempestivament.

3. Illi l-proceduri odjerni saru inutilment stante li l-atturi jafu li l-hlas ma sarx mill-Accountant General ghan-nom tal-konvenut stante li mpedit minn mandati ta' sekwestru u ma jistax jigi pretiz, li l-ammont, accettat bhala dovut mill-konvenut, jigi mhallas, minghajr ma jigi attakkat il-mandati ta' sekwestru u l-kawzi relattivi li nfethu relatati ma' dawn il-mandati mill-istess konvenut kontra l-istess atturi.
4. Illi ebda imghax u spejjes ma huma dovuti.

Fuq talba tal-konvenut maghmula fis-27 ta' Dicembru 1996, u akkordata fl-10 ta' Ottubru 1997, il-konvenut ressaq s-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri:
5. il-levy tassew kellu jithallas skond il-ligi, u ghalhekk il-konvenut ma ghandux iroddu lura; u
6. is-socjeta` attrici f'kull kaz ma ghandhiex interess guridiku biex tmexxi b' din il-kawza ghax hija thallset tal-levy u ghamlet qligh fuqu meta bieghet il-prodotti u b'hekk holqot "stat ta' fatt irreversibbli".

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-22 ta' Ottubru, 1999 l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza bejn l-partijiet in kawza billi, fil-kliem testwali tas-sentenza "*tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tliet mija u sitta u sebghin lira (LM2,376). Billi ma ngibitx prova li kienet prezentata ittra ufficjali fis-7 ta' Settembru, 1991, l-imghax jibda jghaddi mill-1 ta' Ottubru 1993, meta kienet prezentata c-citazzjoni. L-ispejjes gudizzjarji ghandu jhallashom il-konvenut.*"

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:-

**Dwar jekk l-imposta kellhiex tithallas**
*Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut stqarr li tassew li l-levy thallas zejjed; fil-hames eccezzjoni, izda, qieghed ighid li kien "dovut skond il-ligi".*
*Fid-29 ta' April 1999 xehed Mario Gatt, ufficjal fid-dipartiment tal-konvenut, u xehed li l-prodotti importati mis-socjeta` attrici ma humiex fost il-prodotti msemmija fl-ewwel parti ta' l-ewwel skeda li hemm ma' l-Att dwar il-*

*Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap 366); ghalhekk ebda imposta ma ghandha tingabar skond l-art. 6 ta' l-istess Att. Sewwa qal il-konvenut, mela, fl-ewwel eccezzjoni tieghu meta qal li l-imposta thallset zejda.*

**Dwar jekk l-imposta ghandhiex tithallas lura ladarba s-socjeta` attrici gabritha bhala parti mill-prezz meta bieghet il-prodotti.**

*Il-konvenut qieghed ighid ukoll li meta s-socjeta` attrici bieghet il-prodotti li fuqu hallset l-imposta, fil-prezz tal-bejgh kienet mahduma wkoll l-imposta. Ghalhekk, is-socjeta` attrici ma marritx minn taht ghax effettivament l-imposta li hallset zejda gabritha minghand il-konsumatur.*
*Fil-fatt, izda, ma ngibitx xiehda li s-socjeta` attrici bieghet il-prodotti kollha li fuqhom halset l-imposta. Barra minn hekk, jekk is-socjeta` attrici tassew bieghet il-prodotti bi prezz oghla milli kellu jkun, dak li dahhlet zejjed dahhlitu minghand terzi, mhux minghand il-konvenut, u jekk ghandha troddu lura bhala hlas ta' indebitu ghandha troddu lil terzi mhux lill-konvenut. Ma tistax issir tpacija bejn dak li s-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut u dak li forsi ghandha trodd lil terzi.*
*L-eccezzjoni relativa hija, ghalhekk, michuda.*

**Dwar jekk il-mandati ta' sekwestru jistghux izommu l-hlas.**

*Il-konvenut qed ighid ukoll li ma jistax ihallas ghax huwa mizmum milli jaghmel hekk b'mandat ta' sekwestru. Dan il-mandat, izda, inhareg kontra s-socjeta` attrici f'idejn l-Accountant General, fost ohrajn, fuq talba tal-konvenut stess.*
*Fil-fehma tal-qorti, il-konvenut ma jistax jinqeda b'mandat ta' sekwestru, mahrug fuq talba tieghu stess, biex ma jhallasx dak li hu stess stqarr li ghandu jaghti. Debitur huwa gustifikat u, anzi, marbut li ma jhallasx meta jinhareg mandat ta' sekwestru fuq talba ta' terza persuna, mhux fuq talba tieghu stess. Se mai, jekk hu wkoll ghandu jiehu minghand is-socjeta` attrici kien imissu nqeda bl-istitut ta' tpacija, mhux dak ta' mandat ta' sekwestru, jekk il-kreditu tieghu huwa likwidu u jista' jintalab; jekk il-kreditu*

*ghadu mhux likwidu, jew ma jistax jintalab, li ghandu jaghmel hu li jiddeposita fir-registru tal-qorti l-ammont li ghandu jaghti hu, u jissekwestra l-flus f'idejn ir-registratur. Ghal dawn ir-ragunijiet, lanqas l-eccezzjonijiet mibnija fuq il-mandati ta' sekwestru ma jistghu jintlaqghu.*"

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors tas-27 ta' Ottubru, 1999 interpona appell lil din il-Qorti fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata stante li din tmur b'mod car kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 460 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u, subordinatament, fil-kaz li dina l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex tannulla s-sentenza appellata, joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u joghgobha minflok tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra taghha.

Fir-risposta tas-socjeta` attrici appellata filwaqt li ssottomettiet li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, talbet li ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta l-appell jigi michud.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Il-mertu tal-kawza odjerna gie dibattut f'diversi kawzi ohra bejn l-istess partijiet liema kawzi gew determinata fl-istadju ta' l-appell kollha b'mod uniformi konformement mas-sentenza moghtija fl-10 ta' Dicembru, 1996, fil-kawza fl-istess ismijiet Citaz. numru 1508/92 (ara wkoll Citaz. nru 1439/92, 1503/92) meta din il-Qorti cahdet l-appell fuq il-mertu u fuq il-kap tal-ispejjes mressaq mill-konvenut Kontrollur tad-Dwana li kien gie kundannat jirrifondi l-ammont mhallas bhala LEVY fuq prodotti importati mis-socjeta` attrici filwaqt li ordnat li l-ispejjes jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet. F'dawk il-proceduri kien appella ukoll l-attur Carmelo Ellul Sullivan limitatament fuq il-kap tal-ispejjez, liema appell gie wkoll michud.

Illi l-mertu f'din il-kawza huwa identiku ghall-kawzi gja decizi minn din il-Qorti, hlief ghall-aggravju mressaq mill-konvenut appellant fejn qed tigi sollevata n-nullita` tas-sentenza appellata billi qed jigi allegat li l-attur appellat ma ottemperax ruhu mal-provedimenti ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-aggravju ma jidhirx gustifikat billi fl-ewwel lok din in-nullita` qatt ma giet eccepita in prim istanza u fit-tieni lok billi jidher mid-dokument ezebit mill-attur appellat flimkien mar-risposta tieghu a tenur ta' l-artikolu 145 tal-Kap 12 illi fir-realta` l-interpellazzjoni rikjesta fl-artikolu imsemmi qabel ma jigi presentat xi att gudizzjarju jew mandat kontra l-Gvern jew awtorita` governattiva, kienet saret permezz tal-ittra ufficjali imsemmija fic-citazzjoni kif jidher mir-risposta tal-istess Kontrollur tad-Dwana tad-29 ta' Settembru, 1992. Jirrizulta wkoll li din l-ittra ufficjali saret fi zmien utili kif jitlob l-istess artikolu.

Illi l-aggravji l-ohra kollha mressqa mill-konvenut appellant huma identici ghal dawk li jinsabu gja decizi bis-sentenzi ta' din il-qorti fuq imsemmija u ghalhekk din il-Qorti, konformement ma', u ghall-istess ragunijiet moghtija fis-sentenzi citati aktar 'il fuq li din il-Qorti taghmel taghha, tiddisponi minn dan l-appell billi:-
a) tichad l-appell tal-konvenut appellant inkwantu jolqot il-mertu proprju tal-kawza u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata;
b) tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-ispejjes tal-kawza in prim istanza ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti;
c) l-ispejjes ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut appellant u kwart mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------